MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Ottubru, 2016

Rikors Maħluf Numru: 793/15LM

**Publius Frendo (I.D. 846450M)**

**vs.**

**Matthew Muscat (I.D. 21589M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Publius Frendo** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fid-19 t'Awwissu 2015, li jaqra hekk:

*Illi 1 ta' Settembru 2011 huwa hu jsuq l-mutur Honda 70 targat FAD-074 fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, l-esponent safa mtajjar minn Tata*

*TataMobile targat IBB-471 misjuqa mill-intimat illi kiser ir-regolamenti tat-traffiku billi qasam l-linji tal-karreġjata u dar għal ġo Sqaq Ciampra;*

*Illi dan l-inċident ġara tort tal-intimat minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u imprudenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu;*

*Illi b'tali manuvra, l-intimat ikkawża lill-esponenti feriti ta' natura gravi u l-esponenti sofra danni emergenti prinċipalment konsistenti f'danni fil-mutur tiegħu, spejjeż li inkorra għall-kura tiegħu kif ukoll telf ta' xogħol waqt illi kien qiegħed jirkupra, u telf ta' lukru minħabba d-diżabilità permanenti ta' 10% li sofra u dan kif jirriżulta mir-rapport mediku rilaxxat mill-konsulent Mr Raymond Gatt anness u mmarkat bħala Dok 'PF1' u dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi l-intimat ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali numru 2497/13 tal-21 ta' Awwissu, 2013 sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, iżda baqa' inadempjenti.*

*Jgħid għalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi billi:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-inċident li seħħ fl-1 ta' Settembru, 2011 fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar u li kawża tiegħu l-esponenti weġġa' seħħ tort tal-konvenut minħabba n-negliġenza, imprudenza u/jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku;*

2. *Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-esponenti;*

3. *Tillikwida l-istess danni kemm ta' natura damnum emergens kif ukoll ta' natura lucrum cessans mill-esponenti occorrendo b'opera ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lill-intimat għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.*

*Bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali 2497/13 u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali 2497/13 kontra l-intimat Ii minn issa inġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Matthew Muscat** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") ippreżentata fit-23 ta' Ottubru, 2015 li eċċepixxa li:

1. *In linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrent huma preskritti bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-mertu, it-talbiet huma infondanti fil-fatt u fid-dritt billi l-inċident de quo ma kienx imputabbli għal xi ħtija jew nuqqas da parti tal-esponent;*

3. *Illi għalhekk m'hemmx danni x'jiġu likwidati;*

4. *Illi konsegwentement m'hemmx lok għall-kundanna tal-esponent għall-ħlas ta' danni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-ittra uffiċjali Numru 2497/13.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2016 fejn din il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta li l-inċident mertu tal-kawża seħħ fl-1 ta' Settembru, 2011. L-ittra uffiċjali indirizzata lill-konvenut u notifikata wkoll lis-soċjetà assikuratriċi tiegħu, ġiet ippreżentata fil-21 t'Awwissu, 2013, iġifieri qabel ma għalaq il-perijodu ta' sentejn. Is-soċjetà assikuratriċi ġiet notifikata fit-23 t'Awwissu, 2013, filwaqt li l-konvenut ġie notifikat bil-mezz tal-affissjoni fit-6 ta' Settembru, 2013 (fol. 27), u bil-mezz tal-pubblikazzjoni f'ġurnal lokali fis-16 ta' Settembru, 2013 (fol. 29) u fil-5 ta' Settembru, 2013 fil-Gazzetta tal-Gvern (fol. 30).

Illi skont l-Artikolu 2130(1) tal-Kodiċi Ċivili:

> "il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar żmien li hemm għall-preskrizzjoni."

Illi kjarament in-notifika saret entro dan il-perijodu ta' xahar u għalhekk il-preskrizzjoni ġiet miksura.  Illi għalhekk l-ittra uffiċjali kisret il-preskrizzjoni li reġgħet bdiet tiddekorri mill-1 ta' Settembru, 2013.

Illi r-Rikors Maħluf ġie ppreżentat fid-19 t'Awwissu, 2015, qabel ma reġa' għadda l-perjodu ta' sentejn, iġifieri fl-1 ta' Settembru, 2015.  B'danakollu ir-Rikors Maħluf ġie notifikat lill-konvenut, bil-mezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, fl-14 ta' Ottubru, 2015, u ċjoè iktar minn xahar wara li għalaq it-terminu tal-preskrizzjoni.

Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi milqugħa u t-talbiet attriċi qegħdin jiġu miċħuda billi sfaw preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili bil-mogħdija ta' sentejn.

Spejjeż a kariku tal-attur.

Moqrija.